# QORTI CIVILI PRIM’AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta’ nhar it-Tnejn 28 ta’ Mejju, 2018**

**Numru 6**

**Rikors Numru 1165/17TA**

**BtoBet Limited (C 69661)**

**vs**

**Limas Limited (C 66940)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Guramentat tas-Socjeta` Attrici prezentat fid-29 ta’ Dicembru, 2017 u mahluf minn Dr. Michele Tufigno fl-istess data li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

“1. Illi s-socjeta` rikorrenti fuq inkarigu tas-socjeta` intimata provdiet servizzi u tat licenzji u drittijiet ghall-uzu ta’ prodotti informatici skond kif jidher mill-fatturi numru 2017-000036, 2017-000123, 2017-000151, 2017-000167 u 2017-000081 illi kopja taghhom hija annessa u mmarkata bhala Dok A;

2. Illi s-socjeta` intimata, minghajr ebda raguni valida, ma hallistx is-somma ta' erbgha u hamsin elf Ewro (€54,000) u dan ukoll wara illi giet interpellata thallas permezz tal-ittra datata s-27 ta' Lulju, 2017 u bl-ittra ufficjali datata it-28 ta' Lulju 2017;

Is-socjeta` rikorrenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti, previa d-dikjarazzjonijiet necessarji u wara li jinghataw il-provvedimenti opportuni, joghgobha ghar-ragunijiet premessi;

1. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' erbgha u hamsin elf Ewro (€54,000).

Bl-imghax fuq is-somma ta' erbgha u hamsin elf Ewro (€54,000) dekorribbli mid-data tal-ahhar fattura, ossia mill-1 ta' Lulju 2017 u bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` intimata, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Lulju 2017 u tal-mandat ta' sekwestru numru 1226/2017, li hija minn issa ngunta biex tidher ghas-subizzjoni."

Rat illi s-Socjeta` Konvenuta minkejja notifikata baqghet ma pprezentatx Risposta Guramentata kif titlob il-ligi u ghalhekk baqghet kontumaci;

Rat id-dokumenti kollha esebiti fil-kors tal-Kawza;

Semghet ix-xhieda mressqa mis-Socjeta` Attrici;

Rat id-digriet moghti fl-udjenza tas-16 ta' April 2018 (a` fol 22 ) fejn il-Socjeta` Konvenuta giet moghtija l-opportunita' li taghmel nota ta' osservazzjonijiet kif jitlob l-artiklu 158(10) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkunsidrat**

Mill-provi prodotti fil-kawza jirrizulta b'mod sodisfacenti li l-ammont li qed titlob is-Socjeta` Attrici tassew kien dovut mis-Socjeta` Konvenuta.

Is-Socjeta` Konvenuta, ghalkemm debitament notifikata skont il-ligi baqghet kontumaci. Naqset ukoll milli tipprezenta n-nota taghha ai termini tal-artikolu 158(10) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici huma misthoqqa illi jkunu milqugha.

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija, l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza kif ser jinghad:-

**Tilqa' t-talba attrici** u tikkundanna lis-Socjeta` Konvenuta thallas lill-istess Socjeta` Attrici s-somma ta' erbgha u hamsin elf Ewro (€54,000) bl-imghaxijiet legali kif mitluba sal-pagament effettiv.

**Spejjez** tal-kawza u dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Lulju 2017 u tal-mandat ta' sekwestru numru 1226/2017 ikunu kollha a` karigu tas-Socjeta` Konvenuta.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**